**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 340/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Terry VIDAL**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2023, fil-konfront ta' **Terry VIDAL**, iben Raymond u Rita nee` Farrugia, imwieled nhar id-29 ta' Novembru 1985, residenti Blk C4, Flat 6, Triq Dun Luret Callus, Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 591885(M), li ġie mixli talli:

   B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Settembru 2021 sa Frar 2022, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew kien marbut b'kuntratt, naqas milli jagħti lil Natalizia Vidolich u/jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti

jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied, fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum appellant) ħati tal-imputazzjoni hekk kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal xahar detenzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Terry VIDAL appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex "*waqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija skond is-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti tal-25 ta' Settembru 2023 tvarja u tbiddel l-istess sentenza in kwantu għal piena billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell intavolat minn Terry VIDAL billi sostniet illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravju tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Settembru 2023.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-16 ta' Marzu 2022, għall-ħabta tal-10.15 a.m., Natalizia Vidolich, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 0014290(M), irrapportat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, illi l-eks sieħeb tagħha, l-appellant odjern, naqas milli jħallas il-

manteniment mensili dovut lilha għal binhom, il-minuri Zvetlic Vidal Vidolich, fl-ammont ta' €350[1] u dan bejn Settembru 2021 u Frar 2022. Hija stqarret illi mis-sena 2018, l-eks sieħeb tagħha kien jinsab ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

6. Illi jirriżulta wkoll illi in segwitu għal dan ir-rapport, il-Pulizija marru ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jiġi mitkellem l-appellant, li wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, u rrinunzja bil-miktub għad-dritt tal-avukat, huwa stqarr illi naqas milli jħallas il-manteniment stante illi mill-ħabs huwa ma setax iħallas. Għaldaqstant, il-Pulizija nfurmawh li kienu sejrin jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu b'rabta mar-rapport li għamlet Natalizia Vidolich.[2] Kif ingħad, b'sentenza tal-25 ta' Settembru 2023, huwa nstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi quddiem l-ewwel Qorti, din il-kawża nsemgħet kontestwalment mal-kawża bl-istess okkju, mertu tal-appell bin-numru 339/2023, li qed jiġi deċiż ukoll illum.

7. Illi l-aggravju tal-appellant VIDAL huwa limitat għall-piena u dan in kwantu huwa jsostni illi kellha tingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant isostni wkoll illi piena ta' detenzjoni se twassal sabiex huwa jerġa' jispiċċa fil-posizzjoni li kien fiha qabel (u ċioe` meta kien qed jiskonta piena ġewwa l-ħabs) u li wasslet, fost raġunijiet oħrajn, għan-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment da parti tiegħu, apparti illi kemm il-darba jiskonta din il-piena, se jkun diffiċli għalih li jerġa' jibda jaħdem.

8. Illi jirriżulta illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar it-12 ta' Frar 2024, ġie vverbalizzat illi l-partijiet kienu waslu għal ftehim bejniethom "*dwar il-hlas tal-manteniment prezenti u futur u illi in kwantu ghall-manteniment passat, l-appellant qed jipprova jaghmel mill-ahjar li jista' sabiex fic-cirkostanzi ihallas dak dovut*".[3] Da parti tagħha, waqt l-istess udjenza, Natalizia Vidolich iddikjarat illi kienet sodisfatta bl-arranġament ta' bejniethom. Il-Qorti tinnota illi fit-termini tal-abbozz tal-

---

[1] Mid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) esebit mix-xhud Natalizia Vidolich waqt ix-xhieda tagħha quddiem l-ewwel Qorti, jirriżulta illi b'digriet tagħha tas-26 ta' Lulju 2019, dik il-Qorti ffissat ir-retta alimentari fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar, li jinkludu spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, u dan b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018.
[2] Ara l-affidavit ta' PC 82 Rica Mifsud Grech, a fol. 4 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 30 tal-proċess.

ftehim bejn il-partijiet esebit waqt l-istess udjenza, liema abbozz ġie approvat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2023, l-appellant obbliga ruħu li jħallas retta alimentari mensili għall-istess minuri, b'dan ukoll illi omm il-minuri (ossia Natalizia Vidolich) iddikjarat illi kienet qed tirrinunzja b'mod irrevokabbli għal kwalunkwe arretrati li setgħu kienu dovuti sa dakinhar.

9. Il-Qorti tqis illi minkejja illi ma jirriżultax jekk l-appellant ħallasx xi parti mill-arretrati ta' manteniment dovuti minnu għall-perjodu mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda jirriżulta *invece* illi Vidolich irrinunzjat irrevokabbilment għall-arretrati dovuti lilha sa dakinhar, ċertament illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet kien pass importanti, bl-appellant jintrabat illi jħallas manteniment għal ibnu minuri. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan l-iżvilupp li seħħ fil-mori tal-appell, bl-intendiment milħuq bejn il-partijiet, u bl-eks-sieħba tal-appellant tiddikjara illi hija sodisfatta bl-arranġament ta' bejniethom, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi huwa l-każ illi tapplika piena karċerarja, fl-ewwel lok, sabiex la darba issa l-partijiet waslu f'arranġament, ma tkomplix teżaċerba s-sitwazzjoni ta' bejniethom, u fit-tieni lok, sabiex l-appellant ikun f'posizzjoni illi jaqla' l-għixien tiegħu u għalhekk jaderixxi mal-obbligu tiegħu ta' ħlas ta' manteniment għal ibnu minuri. Għalhekk tqis illi hemm lok ta' temperament fil-piena.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant **Terry VIDAL** u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għal xahar detenzjoni, u minflok, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-appellant, bi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jwettaq reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**